MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 2044/1999/1

**Storm Creative Services Ltd**

**vs**

**Hubert Mugliette**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici datata 24 ta’ Settembru 1999 ipprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta, fejn esponiet: -

Illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta` attrici fis-somma ta’ elf sitt mija u tliet liri u tmenin centezmu (Lm1,603.80) rapprezentanti l-prezz ta’ servizzi rezi mis-socjeta` attrici, fuq ordni u nkarigu tal-konvenut Hubert Mugliette, f'diversi okkazjonijiet, skont *statement* hawn anness bhala dokument "A", liema ordni l-konvenut ghamilha fuq

"letterheads" ta’ socjeta` Offshore Manning Services Ltd, liema socjeta` skont l-istess konvenut ma tezistix u ghalhekk il-konvenut huwa responsabbli personalment ghall-pagament tal-ammont dovut;

Illi mitlub biex ihallas, il-konvenut baqa’ inadempjenti.

Jghid il-konvenut ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Qorti ma ghandhiex tikkundannah ihallas lis-socjeta` attrici l-imsemmija somma ta’ Lm1603.80 rapprezentanti l-prezz ta’ servizzi rezi lill-konvenut mis-socjeta` attrici kif qabel spjegat.

Bl-imghax mit-30 ta' Awwissu 1998 u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-2 ta’ Awwissu 1999 kontra l-konvenut li hu ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tad-29 ta’ Frar 2000.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Hubert Mugliett datata 11 ta’ Frar 2000 (fol 10) fejn espona: -

1. Illi *in linea* preliminari l-eccippjent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju *stante* li huwa *di proprio* qatt ma kellu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici kif *del resto* gia kien gie komunikat lilhom permezz ta’ ittra ufficjali datata 13 ta’ Settembru 1999 kopja ta’ liema qed tigi hawn annessa markata Dok A *oltre* li tirrizulta mill-premessi tal-istess citazzjoni *de quo*.

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal premess it-talbiet tas-socjeta` attrici ghandhom jigu respinti *stante* li huma nfondati kemm fattwalment kif ukoll legalment anke fil-konfront tas-socjeta` estera msemmija fl-istess premessi tac-citazzjoni u kif rapprezentata hawn Malta mill-eccippjent ghal diversi ragunijiet fosthom is-segwenti:-

a) Is-socjeta` attrici ma kenitx espletat l-inkarigu lilhom moghti u kwindi ma humiex gustifikati li jitolbu l-figura ndikata fic-citazzjoni;

b) Illi s-socjeta` attrici ghalkemm mitluba diversi drabi, baqghu ma tawx rendikont tax-xoghol minnhom allegatament espletat u l-ammont relattiv ghal tali servizz u kwindi ghalhekk din il-kawza hija ntempestiva;

c) Illi l-eccippjent *nomine* gie kostrett li jidhol fi spiza addizzjonali konsistenti fil-fatt li kellu jerga' jfittex is-servizzi ta' terzi mill-gdid peress illi s-socjeta` attrici baqghet izzomm fil-pussess taghha indebitament effetti mobbli u xoghol proprjeta` tal-istess eccippjent *nomine* u dan *nonostante* li s-socjeta` attrici kienet giet interpellata diversi drabi sabiex tikkonsenja l-istess bil-konsegwenza ghalhekk li jirrikorru l-elementi rikjesti mil-ligi ghal tpacija.

3. B'riserva li jigu prezentati eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjes u bl-interessi legali kontra s-socjeta` attrici li minn issa qed tigi ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Mejju 2000 (fol 29) mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn il-Qorti semghet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw it-talba tal-kjamat in kawza maghmula mis-socjeta` attrici. Il-kawza giet differita ghall-provvediment ghad-19 ta' Gunju 2000; u l-verbal tad-19 ta' Gunju 2000 fejn inghata provvidiment illi:-

*"Il-Qorti,*

*F' dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma thossx li t-talba attrici kontenuta fir-rkors fuq imsemmi hija gustifikata billi bil-kjamata in kawza tas-socjeta` Offshore Manning Services Limited tkun qed tinbidel l-persuna tal-konvenut.*

*It-talba ghalhekk qed tigi michuda bl-ispejjes kontra l-attur."*

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Dicembru 2000 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn inghata provvediment fejn : *"inoltre jigi rilevat li jekk kellha tintlaqa'*

*t-talba attrici l-konvenut jigi pregudikat in kwantu l-eccezzjoni tieghu fil-mertu hi li hu mhux debitur.*

*Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tichad it-talba tas-socjeta` attrici."*

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Jannar 2002 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn dehru d-difensuri tal-partijiet. Il-Qorti wara li rat il-verbal tat-22 ta' Ottubru 2001 u billi rega' ma ntlahaqx ftehim halliet il-kawza *Sine Die.*

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici datata 25 ta' Marzu 2002 a fol 45 tal-process fejn talbet lill-Qorti joghgobha tirriappunta il-kawza u tigi mqieghda mill-gdid fuq il-lista biex tigi trattata u deciza skont il-ligi; u l-Qorti kif diversament presjeduta laqghet it-talba u irriappuntat il-kawza ghas-seduta tal-21 ta' Gunju 2002 kif jidher bid-digriet tat-12 ta' April 2002.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` attrici datata 29 ta' April 2005 a fol 142 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut in risposta tal-osservazzjonijiet prezentati mis-socjeta` attrici, datata 10 ta' Gunju 2005 a fol 162 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Gunju 2005 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn l-Avukati tal-partijiet iddikjaraw li ma fadlilhomx sottomissjonijiet xi jzidu man-noti mressqin minnhom u talbu li l-kawza tithalla ghas-sentenza. Il-Qorti laqghet it-talba. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-15 ta' Dicembru 2005; u l-verbali tas-seduti l-ohra kollha nkluz dak tat-12 ta' Dicembru 2012 fejn b' ordni tal-Qorti l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' April 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta' Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' April 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn b' ordni

tal-Qorti din il-kawza giet differita ghat-28 ta’ Novembru 2013 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi, qabel xejn, din il-Qorti tirrileva li din il-kawza giet ghall-konsiderazzjoni taghha kif attwalment komposta b'surroga datata 16 ta’ Jannar 2013.

Permezz ta' din il-kawza, s-socjeta` attrici qed tfittex pagament ghall-servizzi rezi ta' *advertising* ammontanti ghal Lm1,603.80 ekwivalenti ghal €3,735.85.

Il-konvenut laqa' ghal din it-talba billi jghid li ma kellu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u, *inoltre*, li l-pagament mhux dovut peress li is-socjeta` attrici ma kinetx espletat l-inkarigu lilha moghti; li l-azzjoni hija intempestiva peress li s-socjeta` attrici baqghet ma tat ebda rendikont tax-xoghol allegatament espletat; u li kellha tfittex is-servizzi addizzjonali u tfittex is-servizzi ta' terzi persuni.

## PROVI PRODOTTI

Xehed **Allen Venables**[1] Direttur tas-socjeta' attrici flimkien ma' martu, li, mis-sena 1998 huma wkoll l-unici azzjonisti fis-socjeta'. F'din is-sena l-kumpanija giet ristrutturata peress li qabel kien hemm zewg diretturi ohra. Hu xehed bl-Ingliz u qal li "*The main line of business of plaintiff company is that of advertising agency and creative designing incorporating bookings made by third parties, our clients, for publicity and advertising in third party publications. This latter aspect the plaintiff company assumes the role of a representative of its clients in booking advertising space.*"

Qal li fis-sena 1998 il-konvenut ikkontesta xi *invoices* u ried il-prova li l-*adverts* kienu gew ppubbikati u s-socjeta'

[1] Xhieda a fol. 71 et.seq. tal-process.

attrici tatu l-prova rikjesta. Madanakollu l-konvenut baqa' jikkontesta t-talba ghall-hlas. *Inoltre* l-konvenut talab li jiehu lura l-*artwork* li kien intuza ghar-reklamar izda s-socjeta' attrici kienet tilfitu. Ix-xhud ippropona li jirrikostruwixxi l-*artwork* u dan jigi pacut mal-pagamenti dovuti izda l-intimat xorta baqa' jikkontesta l-*invoices* dovuti.

Ix-xhud esebixxa *invoices* u kopji ta' diversi reklami ppubblikati f'gurnali lokali. (**Dok AV1-AV4)**

B'riferenza ghall **DOK AV1** spjega li l-ammont mitlub jinkludi l-ispejjez ghar-reklamar .

Skont dan id-dokument *"the services which advertised on behalf of Mr. Mugliett was that of Innovative Travel Services."* F'kaz iehor ta' reklam li deher fit-*Times of Malta* fil-harga tat-28 ta' Lulju 1998, il-konvenut talab li r-reklam isir ghan-nom ta' *Offshore Manning Services Limited.*

Ix-xhud qal li l-konvenut kien jikkomunika mad-diretturi tas-socjeta' attrici dwar il-*bookings* ghar-reklamar.

B'riferenza ghal **DOK AV2** qal li r-reklam li kellu jidher fl-Orizzont fil-21 ta' Lulju 1998 ma giex ippubblikat u l-konvenut gie kkreditat bl-ammont dovut. Ghalhekk l-ammont dovut mill-konvenut ghandu jigi korrett ghal **Lm433.75.**

**Dok AV4** jirreferi ghall-reklam li sar ghall-*Offshore Manning Service Limited* u deher fil-harga tad-19 ta' Awwissu 1998 *verso* spiza ta' Lm138.75 li giet imhallsa mis-socjeta` attrici lit-Times of Malta.

Ikkonferma li ma sar ebda hlas minn meta fetah il-kawza. Mir-ricerka li saru mal-*Malta Financial Authority* irrizulta li *Offshore Manning Services Limited* u *Innovative Travel Sevices* m’humiex registrati f'Malta.

Sussegwentement esebixxa diversi dokumenti **DOKTI AV5, AV6, AV7 u AV8** in sostenn tat-talbiet attrici. Dawn

jikkonsistu f'ricevuti mahrugin mill-*Allied Newspapers Limited* favur is-socjeta` attrici.

Xehed il-**konvenut**[2] u ddikjara kategorikament li qatt ma kkuntratta jew hadem mas-socjeta` attrici fi-kapacita` personali tieghu. "*The only working relationship existing with plaintiff company was through Innovative Travel Services Limited of which I am a Director and which local Maltese company acts as agent for an overseas company by the name of Offshore Manning Services Limited."* Qal li din l-informazzjoni ghaddiet lis-socjeta' attrici meta bdew jiskambjaw ittri legali.

Riferibbilment ghall-kredit imsemmi f'Dok **AV2** qal li Offshore Manning Services Limited *tramite* l-agent taghha Innovative Travel Services Limited qatt ma rcevew ebda *refund* jew gew infurmati li kienu ser jircievu xi *refund*.

Qal li kellu jhallas ghall-*artwork* gdid minn terzi persuni peress li qatt ma rcevew l-*artwork* taghhom, u dan a spejjez tal-istess socjetajiet li jirrapprezenta. Minn korrispondenza li esebixxa jidher li l-attur tefa' t-tort ghan-nuqqas li jirritorna l-*artwork* fuq l-eks socja tieghu.

Esebixxa kopja tac-certifikat tar-registrazzjoni tas-socjeta` *Innovative Travel Services Limited* bhala kumpanija registrata f'Malta skont il-Ligi (Numru ta' Registrazzjoni C23088) bl-indirizz ufficjali f'11 fi Triq il-Fuhhar, Mosta MST 05 **(DOK HMO4)**.

In **kontro-ezami** hu kkonferma li hu Direttur u azzjonist tal-kumpanija *Innovative Travel Services Limited* u din tagixxi bhala agent ta' *Offshore Manning Services Ltd.* Din ta' l-ahhar hija kumpanija Ciprijotta u mhix registrata mal-MFSA.

B'riferenza ghall-ittra ufficjali responsiva tat-13 ta' Settembru 1999 fejn inkiteb mill-avukat tieghu b'riferenza ghall-*Offshore Manning Services Limited* li : "*liema ditta*

[2] Affidavit a fol 96 et seq. tal-process.

*lanqas biss tezisti a konoxxenza tal-istess mittenti"* qal li "*ma kenitx tezisti a konoxxenza tieghi fis-sens lokalment."*

Is-socjeta' Malta imsemmija tagixxi f'certu oqsma bhala rapprezentant taghha, tuza l-ufficcju tal-*Innovative Services Ltd.* Din is-socjeta` giet inkorporata fis-16 ta' Gunju 1998 u jista' jkun li kien talab is-servizzi tas-socjeta` attrici ghan-nom tas-socjeta' estera qabel dik id-data. Kien beda jagixxi fil-vesti ta' rapprezentant waqt li din il-kumpanija kienet *in formation.*

B'riferenza ghal **DOK HMB** (fol.123) datat 25 ta' Jannar 1998 li hu *fax* minghandu lil Allen Venables dwar *Final Settlement between OMS & Storm,* din ma ssemmix l-*Innovative Travel Services Ltd.* Qal li mhux l-ewwel darba li s-socjeta` estera kienet qabbdet is-servizzi tas-socjeta` attrici direttament.

Kien ikollu kuntatti ma' David u Sarah Borg u kellu x'jaqsam ma' Allen Venables biss meta waslu fl-istadju ta' *settlement of accounts.*

Xehed **David Borg**[3] li kien Direttur fis-socjeta' attrici flimkien ma' martu u ma' Allen u Joanna Venables. Kien jiehu hsieb ix-xoghol konness mal-*accounts*. Is-socjeta` *Offshore Manning Services Limited* bdiet tordna x-xoghol minghand is-socjeta' attrici wara li Hubert Mugliett beda jahdem ghal din is-socjeta' estera. Huma kienu jithallsu minn *external account* li kellha s-socjeta` estera u l-ordnijiet tas-socjeta` estera kienu jsiru jew minn Hubert Mugliett jew minn direttur iehor barrani li kien ikun hawn Malta minn zmien ghal zmien. "*Kull darba li kont nara xi ordni ta' Hubert Mugliett din dejjem tkun giet avanzata minnu in rapprezentanza tas-socjeta` estera u mhux ghalih personali, in segwitu l-istess Hubert Mugliett kien anke beda jordna xi xoghol ghan-nom ta' kumpanija li kienet giet iffurmata hawn Malta bl-isem ta' "Innovative Travel Services Limited."*

[3] Affidavit a vol. 113 tal-process.

**In kontro-ezami** qal li l-istruzzjonijiet kien jirciviehom kemm minghand il-konvenut personalment jew minghand rapprezentant tal-Offshore Manning Services, certu Neil Mclean. Dawn kienu jkopru diversi servizzi mhux biss reklamar jew mili ta' postijiet tax-xoghol. Is-servizzi ghall-bidu kienu mghotija lil *Offshore Manning Services* u regolati permezz ta' *external account* mal-HSBC Bank Malta plc.

Din ix-xhieda giet ikkorroborata minn **Sarah Borg** mart David Borg f'affidavit esebit a fol. 114. In **Kontro-ezami** qalet li l-konvenut kien il-*contact person* tas-socjeta' *Innovative Travel Services Ltd.*

## L-ewwel Eccezzjoni tal-Konvenut

Il-konvenut eccepixxa li "*qatt ma kellu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici."*

Din l-eccezzjoni titlob li jigi mistharreg jekk il-konvenut fil-vesti personali tieghu huwa kontradittur legittimu tal-pretensjonijiet attrici li qed titlob il-hlas ghas-servizzi rezi.

Minn ezami tal-provi prodotti, il-Qorti hi tal-fehma li l-eccezzjoni tal-konvenut ghandha treggi. Gew esebiti diversi dokumenti mill-partijiet. L-attur esebixxa kopji ta' korrispondenza f'*faxes* li rcieva minghand Hubert Mugliette (fol 21-25) dwar il-vertenza li hija l-mertu ta' dan il-kaz. Dawn il-*faxes* huma miktuba fuq *letterhead* intestata *Offshore Manning Services Ltd.* u jkopru l-perjodu minn 13 ta' Jannar 1998 sa 30/4/1999. Bhala suggett dawn il-*faxes* jirreferu ghal *outstanding amounts, Final Settlement between OMS and Storm, Outstanding Material due to OMS,* rispettivament.

L-*invoices* esebiti mis-socjeta` attrici bhala **Dokti AV1-AV4** huma indirizzati lil *Mr. Hubert Mugliette, Offshore Manning Servies Ltd., Office No. 65, Regent House, Bisazza Street, Sliema.* L-istess attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jghid "*Kwalunkwe korrispondenza li giet skambjata mill-konvenut rigwardanti xoghol li kellu jigi espletat mis-socjeta` attrici dejjem sar fuq letterheads*

*ta' ditta, li ghall-inqas mal-ewwel daqqa t'ghajn kienet iggib l-isem "Offshore Manning Services Limited."*

Minn ezami tar-reklamar li dwaru qed isir talba ghall-hlas, jirrizultaw diversi reklami minn "*Mr. Hubert Mugliette o.b.o. Innovative Travel Services Ltd...."*[4]*;* u minn *Offshore Manning Services Ltd*[5].

Hubert Mugliette eskluda li qatt agixxa f'kapacita' personali mas-socjeta' attrici. Qal "*The only working relationship existing with plaintiff company was through 2Innovative Travel Services Limited" of which I am a Director and which local Maltese company acts as agent for an overseas company by the name of "Offshore Manning Services Limited."* David u Sarah Borg, ex-Diretturi fis-socjeta' attrici kkorroboraw ix-xhieda tal-konvenut. David Borg ukoll irrefera ghall-*external account* li kien jintuza sabiex tithallas is-socjeta' attrici meta kienu jsiru l-ordnijiet ghan-nom tal-*Offshore Manning Services Limited* qabel ma giet iffurmata l-kumpanija Maltija *Innovative Services Limited.* Il-konvenut gab prova li din is-socjeta` twaqqfet f'Malta.

Huwa minnu li "*meta negozju jkun gestit minn socjeta' b'responsabbilta' limitata, u ghaldaqstant minn persuna guridika indipendenti, huwa l-obbligu taghha li tindika dan fl-aktar mod car u inekwivoku lit-terzi li jkunu qeghdin jinnegozjaw maghha."* – PA (RCP) fil-kawza "***Camel Brand Co. Ltd. vs Michael Debono***" (21 ta' Marzu 2002).

Fil-kaz odjern il-provi ma jhallu l-ebda dubju li s-socjeta` attrici kienet a konoxxenza sa' mill-bidu nett li l-konvenut kien qed jagixxi in rapprezentanza tas-socjeta` estera, l-ewwel f'ismu personali, ghan-nom ta' *Offshore Manning Services Ltd.* u sussegwentement bhala Direttur u azzjonist fis-socjeta` Malta *Innovative Travel Services Ltd.* li kienet qed tirraprezenta s-socjeta` estera. Dan johrog mill-provi dokumentarji esebiti mill-attur stess, u mix-xhieda prodotti. Anke fil-perjodu *ad interim* meta

[4]Ara ad es.Times of Malta 27th u 29th July 1998
[5]Times of Malta 28th July 1998

*Innovative Travel Services Limited* kienet ghadha *in formation,* u allura ma kienetx "twieldet" bhala persuna guridika indipendenti, ma jistax jinghad li l-konvenut agixxa *de proprio* peress li baqa' jagixxi bhala l-mandanti tal-*Offshore Mannings Services Limited.*

Is-socjeta` attrici ssottomettiet li ma hemmx prova li *Offshore Manning Services Limited* hija debitament registrata. In sostenn tas-sottomissjonijiet taghha ticcita sentenzi tal-On. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet "*D & S Lifts Ltd v Joseph Farrugia" (dec.7 ta' Mejju 2004)* u "*John Vella noe v Anthony Vella* (Dec fit-3 ta' Dicembru 1999)." Dawn is-sentenzi japplikaw id-dispozizzjoni tal-artikolu 78 tal-Att dwar il-Kumpaniji. Artikolu dan li appuntu jipprovdi testwalment hekk:-

*"Il-persuni kollha li jmexxu negozju jew jaghmlu ftehim taht isem jew ghan-nom ta' kumpanija li dwarha ma jkunx inhareg certifikat ta' registrazzjoni taht dan l-Att, jew qabel id-data murija fic-certifikat tar-registrazzjoni bhala d-data li fiha dik il-kumpanija ghandha tibda ssehh, ikunu, sakemm ma jkunx miftiehem xort'ohra, personalment u solidalment responsabbli dwar terzi ghall-atti maghmula taht dak l-isem."*

Izda l-Qorti hija konvinta li s-socjeta' attrici kienet taf ben tajjeb li s-socjeta` estera kienet tezisti.

Jidher li s-socjeta' attrici giet zvijata mill-konvenut meta, fl-ittra ufficjali responsiva tieghu tat-13 ta' Settembru 1999 fejn inkiteb b'riferenza ghall-*Offshore Manning Services Limited* li "*liema ditta lanqas biss tezisti a konoxxenza tal-istess mittenti."* Is-socjeta' attrici pprovat tirrettifika dan iz-zball billi talbet il-kjamata fil-kawza tas-socjeta` imsemmija, liema talba giet michuda b'Digriet ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta. Il-Qorti tifhem mill-fatt li s-socjeta' attrici ghaddiet biex ressqet din it-talba, huwa indizju li kienet taf li s-socjeta` Offshore Manning Services Limited kienet tezisti fl-isfond tar-relazzjonijiet kummercjali li kienu ilhom stabbiliti ma din is-socjeta estera anke b'mod dirett bejn il-kumpannija attrici u dik estera.

Ikkonsidrat li ma hemmx ghalfejn li socjeta' tkun registrata f'Malta biex topera *tramite* rapprezentanti f'dan il-pajjiz.

Fil-kaz odjern, il-Qorti hija soddisfatta li kien hemm gja relazzjonijiet stabbiliti bejn is-socjeta' attrici u l-*Offshore Manning Services Limited* anke qabel ma giet kostitwita s-socjeta` Maltija tant li David Borg, li kien Direttur tas-socjeta` attrici u inkarigat mill-*accounts,* semma' li l-ordnijiet kienu jsiru mill-konvenut ghan-nom tal-OMS u minn Direttur barrani li kien jigi Malta, li semmieh ukoll b'ismu - certu Neil Mclean. Sahansitra kien infetah *external account* mal-HSBC Bank Malta plc minn fejn jithallsu. Ir-relazzjonijiet kummercjali bejn is-socjeta` attrici u l-OMS kienu ben stabbiliti, kif jixhdu l-*invoices* esebiti.

Is-socjeta' attrici ma offriet l-ebda spjegazzjoni dwar ix-xhieda ta' David Borg u ma rrifjutatx l-ezistenza ta' l-*external account*.

Ghar-ragunijiet fuq spjegati l-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel eccezzjoni ghandha tigi milqugha u t-talbiet attrici, in kwantu li huma indirizzati kontra l-konvenut fil-kapacita` personali tieghu ghandhom jigu michuda.

**III. <u>KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tilqa'** l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, **tichad** it-talbiet attrici bhala infondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu li huma pretizi kontra l-konvenut fil-kwalita` tieghu personali.

L-ispejjez jithallsu mis-socjeta' attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------